**KUNSILL LOKALI L-IKLIN LOCAL COUNCIL**

Settembru 30, 2023

# Rapport Amministrattiv għas-sena 2022

Kif jitlob l-Att XV tal-1993 dwar it-twaqqif tal-Kunsilli Lokali (Kap. 363), darbtejn fis-sena, il-Kunsilli Lokali għandhom isejħu laqgħa tal-lokalità li għandha tinżamm qabel il-laqgħa li fiha l-Kunsill ikun ser jikkunsidra l-estimi għas-sena finanzjarja. Il-Kunsill Lokali, wara din il-konsultazzjoni pubblika mar-residenti, iħejji Pjan ta' Ħidma għal ħames snin li jkun rivedibbli kull sena.

Il-fondi allokati għall-funzjonijiet speċifiċi għandhom jintużaw għall-għan li għalih qed jingħataw. Għaldaqstant, il-Kunsill Lokali ma jistax jonfoq mod ieħor l-allokazzjoni jekk mhux bl-approvazzjoni tad-Diviżjoni tal-Gvern Lokali wara li tintbagħat talba u raġuni dettaljata.

**ALLOKAZZJONI FINANZJARJA TAL-KUNSILLI LOKALI**
**2022**

**KUNSILL LOKALI:** L-Iklin

| **Funzjonijiet** | **Allokazzjoni €** |
|---|---|
| L-Allokazzjoni Finanzjarja Diretta skont l-Artiklu 55 tal-Att | |
| **1. Tisbiħ u manutenzjoni tal-Parki u Ġonna** | |
| Tisbiħ u manutenzjoni tal-Parki u Ġonna | 3,891 |
| Fond għal-Latrini Pubbliċi | 0 |
| **2. Manutenzjoni tat-Toroq** | |
| **Tiswija u Manutenzjoni ta' toroq:** | |
| Urbani, sinjali u marki tat-traffiku | 54,331 |
| Mhux Urbani, sinjali u marki tat-traffiku | 13,010 |
| Knis ta' Toroq Urbani | 36,750 |
| Tindif ta' Toroq Mhux Urbani | 5,782 |
| **3. Immaniġġar tal-Iskart** | |
| Ġbir ta' Skart u *Bins on Wheels* | 57,835 |
| *Waste Tipping Fees* | 19,397 |
| **4. Spejjeż ta' Amministrazzjoni** | 117,827 |
| Fond ta' Aġġustament (jekk japplika) | |
| **I. Fond għal Żoni Turistiċi** | 0 |
| (Wara li jingħata pjan skont Punt 4.2 taċ-Ċirkulari) | |
| **II. Fond għall-Belt Kapitali, Ex Belt Kapitali u Bliet** | 0 |
| (Wara li jingħata pjan skont Punt 4.2 taċ-Ċirkulari) | |
| **III. Fond biex kull Kunsill Lokali ikollu żieda ta' mill-inqas €11,000** | 3,864 |
| (Wara li jingħata pjan skont Punt 4.2 taċ-Ċirkulari) | |
| **TOTAL** | **312,687** |

Meta wieħed jikkompara l-allokazzjoni finanzjarja tas-sena 2021 mqabbla mas-sena 2022, jirriżulta li kien hemm żieda ta' Eur11,000.00 li jfisser 3.5% perċentwali.

Il-Gvern Lokali, bħas-snin preċedenti, osserva bi prudenza l-immaniġġjar tal-finanzi li huwa wieħed mill-prinċipji importanti li Kunsill għandu jaħdem bih. Rapporti finanzjarji jiġu ppreżentati kull tliet xhur għall-approvazzjoni tal-Kunsill u dawn ir-rapporti huma pubbliċi fejn wieħed jista' faċilment jaċċessa għalihom permezz tas-sit elettroniku www.localgovernment.gov.mt

Matul is-sena 2022, il-ħruġ (expenditure) tal-Kunsill kien jinkludi l-Personnel Emoluments li ċ-ċifra telgħet għal Eur110,591.00K, l-Operations & Maintenance l-ispiża telgħet għal Eur219,462.00, l-Administration Costs l-ispiża telgħet għal Eur56,647.00. Mir-rapport finanzjarju joħroġ ukoll li ċ-ċifra tad-deprezzament telgħet għal Eur38k. Meta wieħed iħares lejn il-Profit & Loss għas-sena 2022, il-Kunsill spiċċa b'defiċit ta' Eur(14,789.00). Id-deprezzament fuq *Property, Plant & Equipment* laħqet is-somma ta' Eur38K.

**Attendenza tal-Kunsillieri għas-seduti tal-Kunsill**

| | | | | ID-DISA KUNSILL | | 2022 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| LAQGHA NO. | DATA | GURNATA | SCIBERRAS DORIAN | BARTOLO YVONNE | FARRUGA BERNICE | ZAMMIT EMANUEL | CATANIA GODWIN |
| 42 | 12/01/2022 | L-Erbgħa | IVA | IVA | IVA | IVA | IVA |
| 43 | 17/02/2022 | Il-Ħamis | IVA | IVA | IVA | SKUZAT B'ITTRA TA' APOLOGIJA | IVA |
| 44 | 17/03/2022 | Il-Ħamis | IVA | IVA | ASSENTI B'APOLOĠIJA | IVA | ASSENTI B'APOLOĠIJA |
| 45 | 12/04/2022 | It-Tlieta | IVA | IVA | IVA | IVA | IVA |
| 46 | 12/05/2022 | Il-Ħamis | IVA | IVA | IVA | IVA | IVA |
| 47 | 09/06/2022 | Il-Ħamis | IVA | IVA | ASSENTI B'APOLOĠIJA | IVA | IVA |
| 48 | 07/07/2022 | Il-Ħamis | IVA | IVA | IVA | SKUZAT B'ITTRA TA' APOLOGIJA | IVA |
| 49 | 02/08/2022 | It-Tlieta | IVA | IVA | IVA | IVA | IVA |
| 50 | 30/08/2022 | It-Tlieta | IVA | IVA | IVA | IVA | IVA |
| 51 | 27/09/2022 | It-Tlieta | IVA | IVA | IVA | IVA | IVA |
| 52 | 25/10/2022 | It-Tlieta | IVA | IVA | ASSENTI B'APOLOĠIJA | IVA | IVA |
| 53 | 17/11/2022 | Il-Ħamis | IVA | IVA | IVA | IVA | IVA |
| 54 | 22/12/2022 | Il-Ħamis | IVA | IVA | IVA | IVA | IVA |

Bejn Jannar u Diċembru 2022, il-Kunsill Lokali ltaqa' formalment (13) -il darba. L-attendenza tal-membri fil-Kunsill kienet waħda sodisfaċenti. Il-laqgħat huma pubbliċi u *streamed live* għall-benefiċċju tar-residenti u l-pubbliku nġenerali. Is-Sindku Dott. Dorian Sciberras attenda għas-seduti kollha tal-Kunsill. Il-Viċi Sindku Yvonne Bartolo attendiet s-seduti kollha tal-Kunsill. Il-Kunsillier Bernice Farrugia attendiet (10) seduti u kienet assenti b'apoloġija (3) laqgħa. Il-Kunsillier Emanuel Zammit attenda għal (11) il-seduti kollha filwaqt li kien assenti b'apoloġija għal żewġ laqgħat. Il-Kunsillier Godwin Catania attenda għal (12) il-seduta u kien assenti b'apoloġija seduta waħda.

Il-Kunsill kompla jaħdem fuq it-tajjeb ta' leġiżlaturi preċedenti filwaqt li l-prijorità tiegħu hija r-riġenerazzjoni tal-pjazza fejn dan il-proġett propost baqa' jiġi diskuss u modifikat u irfinat flimkien mall-Perit tal-Kunsill biex ikun massimizzat l-ispazju kollu li hemm.

Fil-pjan ta' ħidma illum hemm ippjanat riġenerazzjoni tal-Pjazza Ninu Cremona biex tkun il-post ta' rikkreazzjoni għall-komunità.

Sena wara l-oħra, il-Kunsill jibqa jkollu l-isfidi fejn jidħol l-iżvilupp fil-lokalità iżda bħala Gvern Lokali dejjem attent fuq kull applikazzjoni li tiġi sottomessa fl-Awtorità tal-Ippjanar biex naraw li tali żvilupp isir skont policies ta' Central Malta Local Plan. Huwa stat ta' fatt li minkejja li l-Kunsill tgħaddi l-pariri tagħha lill-Awtorità tal-Ippjanar fuq permessi ġodda għall-iżvilupp, d-deċiżjoni finali tibqa f'idejn l-Awtorità tal-Ippjanar u għaldaqstant l-iżvilupp li qed naraw fl-Iklin mhux dejjem jirrifletti l-pożizzjoni tal-Kunsill. Il-Kunsill se jkompli jsegwi l-applikazzjonijiet għall-permessi tal-iżvilupp biex jaqdi d-dmirijiet u d-doveri tiegħu fl-aħjar interess tal-lokal.

**Servizzi Kuntrattwali**

F'April 2022 l-ELC Ltd infurmat lill-Kunsill Lokali L-Iklin li kienet ser twaqqaf is-servizzi tagħha u għaldaqstant il-Kunsill kellu jġib kwotazzjonijiet biex ikompli bil-manutenzjoni tal-parki u ġonna f'din il-lokalità. Din kienet daqqa kbira għall-Kunsill għaliex il-Consortium kien ilu jieħu ħsieb il-manutenzjoni ta' soft areas sa mill-bidu tat-twaqqif tal-Kunsilli Lokali. Kellna servizz tajjeb ħafna bi prezz baxx ħafna. Ċertament l-ispiża biex tibqa issir iż-żamma tal-parki u ġonna fil-lokalità ser tispara 'l fuq. Il-Kunsill Lokali L-Iklin kellu jaħseb għal dan it-tibdil filwaqt li jara kif jista jsib fondi neċessarji sabiex ikun jista jagħmel il-manutenzjoni u t-tisqija ta' soft areas. Fil-fatt, il-Kunsill kien kiteb lid-Diviżjoni tal-Gvern Lokali sabiex jitlob għall-fondi addizzjonali biex ikopri l-ispiża.

F'Novembru 2022 il-Kunsill Lokali L-Iklin iffirma Memorandum of Understanding mall-Cleansing Department dwar is-servizz tal-indafa pubblika fit-toroq biex jiżdied u jitjieb il-livell tas-servizz. Dan wara li l-Kunsill Lokali L-Iklin ottjena l-approvazzjoni tad-Diviżjoni tal-Gvern Lokali.

**Infrastruttura**

Il-Kunsill Lokali L-Iklin wettaq proġett ieħor fi Sqaq in-Namur matul din is-sena fejn minbarra r-restawr u rikostruzzjoni tal-ħitan tas-sejjiegħ, għamel xogħlijiet infrastrutturali billi saru servizzi ġodda u ingħata wiċċ ġdid C30 concrete a spejjeż tal-Kunsill biex b'hekk sar titjib f'din iż-żona.

Mill-bidu ta' din il-leġiżlatura, l-attenzjoni tal-Kunsill baqgħet ukoll iffukata fuq l-infrastruttura tal-lokal u fil-limitazzjonijiet finanzjarji tal-Kunsill, frott l-għaqal ta' Kunsilli preċedenti, u relazzjonijiet b'saħħithom mal-Aġenziji tal-Gvern, il-Kunsill kemm bil-fondi tiegħu u b'għajnuna diretta mill-Aġenzija Infrastructure Malta, għalaqna numru ta' proġetti ambizzjużi li kienu fil-pjan ta' ħidma tal-Kunsill. Infakkar li bdejna bix-xogħol ta' asfaltar f'parti minn Triq San Mikiel b'fondi tal-Kunsill u saret korrezzjoni fil-wiċċ difettuż tat-triq li kienet saret perikoluża ferm għas-sewwieqa mad-dawra ta' round about eżistenti li tmiss ma' Triq Ġeronimo Abos, l-asfaltar u servizzi ġodda fi Triq il-Prinjol, l-asfaltar ta' Triq il-Bruka, Sqaq il-Ħwawar, Triq il-Wied u riċentement parti minn Triq Erin Serracino Inglott. Filwaqt li nieħu din l-okkażjoni biex nirringrazzja lill-Aġenzija Infrastructure Malta li laqgħet il-proposti tal-Kunsill biex setgħu isiru dawn il-proġetti, ma nistax ma nikkummentax fuq il-proġett ta' Triq il-Wied li l-Kunsill għad għandu *snag list* dwar difetti li għad iridu jiġu kkoreġuti mill-kuntrattur appuntat tal-Aġenzija.

Din l-infrastruttura ġdida fit-toroq diversi tal-Iklin ċertament tat kwalità ta' ħajja ferm aħjar liċ-ċittadini ta' dan il-lokal. Dan kien ifisser xogħol indeskrivibbli partikolarment tal-Uffiċċju Amministrattiv biex flimkien mas-Sindku nattendu għal-laqgħat, spezzjonijiet fuq il-lant tax-xogħol, nindirizzaw l-ilmenti tar-residenti waqt il-korsa tax-xogħol li nammetti li mhux dejjem stajna nindirizzaw it-talbiet tar-residenti li jgħixu fl-imsemmija toroq nirrimedjaw fl-immedjat. Però il-Kunsill kien dejjem hemm biex isemma l-vuċi tagħkom mal-Aġenzija u mall-kuntratturi appuntati. Il-Kunsill m'għandu l-ebda dubju li intom ir-residenti tistgħu tifhmu d-diffikultajiet li kellu x'jaqsam magħhom il-Kunsill fejn kien hemm istanzi fejn il-Kunsill kellu jmur għal rimedji oħra ulterjuri inkluż dawk legali. Però il-Kunsill ser jibqa hemm għalikom ir-residenti biex nibqgħu il-vuċi tagħkom. Tinsewx li l-Kunsill irid iħabbat bibien esterni f'ħafna mill-proġetti li jwettaq però ma nistgħux neliminaw il-proċessi burokratiċi li huma tajbin iżda mhux dejjem jaħdmu biex verament il-proċessi jkunu simplifikati. Imqarr biex nagħti eżempju klassiku biex il-Kunsill seta jikkoreġi bankini li saritilhom ħsara minħabba l-egħruq tas-siġar. Biex il-Kunsill seta jirrimedja din il-ħsara, fuq żewġ siti differenti, waħda fi Triq Mons. Carmelo Aquilina, (inbidel l-isem tat-triq riċentment biex il-Kunsill jagħti ġieh lill-ewwel kappillan ta' din il-parroċċa) biswit il-knisja parrokkjali u s-sit l-ieħor fi Triq Ġużè Bonnici, il-proċessi burokratiċi huma esaġerati. Iżda b'sodisfazzjon ngħid li minkejja t-taħbit, dawn ix-xogħlijiet tlestew ukoll a sodisfazzjon taċ-ċittadini tagħna. B'hekk nassiguraw li l-infrastruttura fir-raħal sabiħ tal-Iklin jinżamm fl-aħjar kundizzjoni possibbli.

F'Novembru 2022, bdew diskussjonijiet mal-Aġenzija Infrastructure Malta dwar il-pjan li għandha Infrastructure Malta għat-tliet snin li ġejjin għall-Kunsilli Lokali fejn qed nipproponu Triq Ġużè Pesci/Triq Mons. P.P. Saydon/Triq Alfons Maria Galea, Triq Stefano Erardi, Triq il-Klin u Triq il-Ħarruba/Triq il-Plejju.

1. <u>Triq Ġużè Pesci/Triq Mons. P.P. Saydon/Triq Alfons Maria Galea</u>
   Entire Length of the Road: c. 340m
   Area of Road Surface (excluding pavements): c. 2,500 sqm

2. <u>Triq Stefano Erardi</u>
   Entire Length of the Road: c. 295m
   Area of Road Surface (excluding pavements): c. 2,940 sqm

3. <u>Triq il-Ħarruba/Triq il-Plejju</u>
   Entire Length of the Road: c. 530m
   Area of Road Surface (excluding pavements): c. 5,310 sqm

4. Triq il-Klin bejn Triq in-Naxxar u Triq Ġeronimo Abos

   Entire Length of the Road: c. 290m

   Area of Road Surface (excluding pavements): c. 2,796 sqm

**Proġett b'fondi mill-Unjoni Ewropeja u l-Gvern Ċentrali – Miżura 4.4 *Investments in Physical Assets – Support for non-productive investments linked to the achievement of agri-environment-climate objectives* bil-proġett propost restawr u rikostruzzjoni ta' ħitan tas-sejjiegħ f'diversi żoni madwar**

**L-Iklin li jinsabu fi stat ta' dilapidazzjoni fi Triq in-Namur, parti minn Triq Għargħur, Sqaq Ġarda, u Triq Richard Taylor.**

Fejn tidħol l-infrastruttura, ma nistax ma nagħmilx riferenza għall-proġett li kien imfassal fil-leġiżlatura preċedenti u ġie varat u attwat matul din il-leġiżlatura l-ġdida. Qed nirriferi għal proġett ieħor amibizzjuz fejn il-Kunsill kien eliġibbli għall-fondi ewropej u bbenifikaw minn eluf ta' ewro biex seta jirrestawra u jerġa jibni mill-ġdid ħitan tas-sejjiegħ taħt il-miżura 4.4 Rural Development Fund fejn il-Kunsill għalaq dan il-proġett fuq numru ta' ħitan fi Sqaq Ġarda, Triq Għargħur, Triq Richard Taylor, u Sqaq in-Namur. Il-kuntrattur appuntat mill-Kunsill ħadem b'sengħa u arti u kull min jgħaddi minn dawn il-passaġġi jista jammira u japprezza il-kwalità tax-xogħol. Iżda fuq kollox, il-Kunsill kien imbarka fuq dan il-proġett biex nippromwovu ż-żoni rurali u l-biodiversità li tista tiġi mfissra bħala il-ġid tal-ħajja fuq l-art.

**Proġett għal titjib fil-playing field b'apparat ġdid u inklussività**

Il-Kunsill applika għal skema biex jikseb fondi għal titjib fil-playing field. Matul din is-sena inbidel il-playing equipment kollu li huwa aċċessibbli għal kulħadd. Huwa maħsub li l-playing field ikun mgħammar f'cctv u ser nintroduċu *sail shades* biex it-tfal ma jkunux esposti għall-elementi partikolarment fix-xhur iebsin tas-sajf.

**Iklin Community Study**

Però biex il-Kunsill ikollu stampa aktar reali u jfassal il-politika tiegħu fuq dak li jinħass tassew bħala prijorità għal-lokal tal-Iklin, il-Kunsill qabel unanimament li għandu jsir studju xjentifiku mal-Universita ta' Malta mall-fakultà għat-Tisħiħ tas-Soċjetà biex isir Needs Analysis biex ikun identifikat l-bżonnijiet li verament teħtieġ il-komunità tal-Iklin.

Il-Professur Andrew Azzopardi faħħar ukoll din l-inizjattiva tal-Kunsill u qal li kien ta' pjaċir u sodisfazzjon tiegħu li kien ser jaħdem flimkien mas-Sindku u l-Kunsillieri matul dan il-vjaġġ li għandu jwassal prodott riċerkat biex il-Kunsill jaħdem fuqu fis-snin li ġejjin. Il-Kunsill kien kommess li dak li ġie dokumentat fuq il-karta jibda jiġi implimentat u l-ewwel waħda minn serje ta' inizjattivi li ħa l-Kunsill kien li jaħdem fuq inizjattiva ambjentali bix-xiri ta' passenger car li taħdem bl-elettriku biex il-Kunsill jibda jipprovdi servizz tat-trasport immirat għall-anzjani fil-komunità. Il-Kunsill applika għal skema sabiex jikseb il-fondi meħtieġa biex ikun jista jattwa dan il-proġett. Se jkunu qed jippjana u jaħdem fuq dan il-proġett fis-sena 2023.

Fuq dan l-aspett ambjentali, il-Kunsill kien mistieden mill-Environment and Resources Authority biex bħala key air quality stakeholder, il-Kunsill jissottometti l-kummenti tiegħu anke b'suġġerimenti dwar miżuri prattiċi li jistgħu jiġu mplimentati proprju 'the intent and objectives of the Air Quality Plan. L-oġġettiv ikun dak li jinkludi miżuri ffukati fuq Air Quality Management Area li jkopru d-distretti tat-Tramuntana u tan-Nofsinhar.

Il-Kunsill Lokali L-Iklin ħareġ saħansitra fil-pubbliku permezz tal-midja fuq din il-kwistjoni għaliex irid jassigura li dawn l-irwejjaħ mhumiex ta' ħsara għas-saħħa tal-familji Ikliniżi, u li jaċċerta ruħu li l-arja fuq dan il-lokal ma jikkontjenix sustanzi li jistgħu jipperikolaw ħajjet ir-resident. Ir-resident għandu d-dritt ikun jaf li mhux qed jgħix f'ambjent ta' periklu. Din l-assigurazzjoni tista ssir billi jkun regolat l-operat minn dawn is-siti industrijali u li jkun hemm monitoraġġ regolari inkluż testijiet tal-kwalità fl-arja, speċjalment l-aktar f'dawk is-siti li huma qrib ir-residenti.

Għad fadal ħafna xogħol x'isir jew li jrid jitkompla anke l-ħsieb tal-proġett Anzjanità Attiv li se jkun qed isir b'mod konġunt mall-Kunsill ta' Ħal Balzan taħt il-kura tal-Active Ageing and Community Care. L-ideja hija li l-Kunsill jipprovdi s-Sala u l-Active Ageing and Community Care jipprovdu persuni professjonali biex l-anzjani tagħna u dawk ta' Ħal Balzan ikollhom l-opportunità li jibdew jiltaqgħu għal attivitajiet soċjali. Dan għaliex il-Kunsill jemmen li tista tissaħħaħ il-parteċipazzjoni soċjali. Matul dan iż-żmien, il-Kunsill qed jistenna l-permess mingħand l-Awtorità tal-Ippjanar biex ikompli bir-rinnovar tas-Sala biex ikun jista jiġi varat dan il-proġett. Dan biex ikun hemm inklużjoni u aċċess għal kulħadd.

**L-attività kulturali 'Festa Fjuri – Infjorata' 2022**

Minħabba ż-żmien diffiċli tal-pandemija, ma kenitx faċli biex torganizza l-attività għaliex is-soċjetà ma kenitx qed tgħix in-normalità. Kien hemm numru ta' restrizzjonijiet u protokolli x'wieħed għandu jsegwi skont l-istandards maħruġa mill-Awtorità tas-Saħħa pubblika speċjalment fejn jidħlu avvenimenti edukattivi u dawk kulturali.

Minkejja dawn l-ostakli, il-Kunsill Lokali L-Iklin impenja ruħu biex fid-dawl taċ-ċirkostanzi jtella Festa Fjuri – Infiorata bejn id-19 u t-22 ta' Mejju 2022 fl-ispazju miftuħ ta' Pjazza Ninu Cremona L-Iklin. Grazzi wkoll għall-iskema li ħareġ id-Direttorat għall-Gvern Lokali, Strateġija u Implimentazzjoni ta' Policy, il-Kunsill Lokali L-Iklin ħass li din għandha tkun sfida biex noħolqu xi ħaġa sabiħa u attraenti għall-komunità tal-Iklin. Dan riedna nagħmluh biex il-Kunsill juri li l-lokalità tal-Iklin ma tistax tgħix mingħajr il-kultura u l-kreattività.

Fid-dawl ta' dan kollu, il-Kunsill irnexxielu jtella l-edizzjoni 'Festa Fjuri – Infiorata' fuq skala ridotta billi ttellgħet infiorata fl-ispazju miftuħ ta' Pjazza Ninu Cremona ibbażata fuq perjodu ta' erbat ijiem fejn il-komunità tal-Iklin tkun tista tasal sal-Pjazza biex tgawdi disinn maħdum mill-fjuri tal-petunia fix-xhar sabiħ ta' Mejju. L-attività kulturali annwali kienet twieldet proprju mill-isem li jġb dan il-lokal 'Iklin' (rosemary shrub) li hija xitla li għandha ħafna benefiċċji saħansitra dawk mediċinali u fejn proprju l-Kunsill ried li joħloq bħala identità ta' dan il-lokal. Il-komunità tal-Iklin laqgħet din l-ideja b'entużjażmu. Tant hu hekk li l-Kunsill matul is-snin baqa' jkabbar din l-attività kulturali b'mod gradwali.

Grazzi għal din l-iskema, il-Kunsill Lokali L-Iklin kellu l-kuraġġ u d-determinazzjoni li jtella din l-esibizzjoni ta' fjuri li kellha twassal messaġġ ta' tama ġdida lill-komunità.

Il-Kunsill Lokali L-Iklin iddeċieda li l-infiorata ssir fuq erbat ijiem biex hekk ir-residenti tal-lokal u anke l-pubbliku b'mod ġenerali jkun jista jżur din l-esibizzjoni mall-ħin tal-ġurnata. Għalhekk ma kienx hemm running order u l-infiorata setgħet tattira udjenza numeruża f'ħinijiet differenti tal-ġurnata. L-ideja kienet ferm tajba għaliex il-komunità tal-Iklin kellha l-ħin u l-kumdità biex iżżur l-infiorata li ċertament tat kulur mill-isbaħ lil dan l-ispazju miftuħ fiż-żmien diffiċli tal-pandemija.

Il-Kunsill Lokali L-Iklin ried li permezz ta' din l-attività kulturali, ikun mezz li bih nipprattikaw it-tama, kapaċi negħlbu l-ostakli tal-ħajja fi żmien ta' inċertezza. Permezz tal-kultura, il-Kunsill ried joffri messaġġ u jgħin mentalment lil dawk li għaddew u jew kienu għadhom għaddejjin minn sitwazzjonijiet diffiċli kawża tal-pandemija.

L-infiorata ġiet pubbliċizzata primarjament lill-komunità tal-Iklin u l-lokalitajiet ġirien. Sintendi l-ispazju miftuħ huwa spazju pubbliku u kulħadd kellu l-ħin tiegħu biex jiġi jżur l-infiorata. Tħejja disinn in-house u l-ideja kienet sabiex tinħoloq motivazzjoni anke fost l-istaff, l-amministrazzjoni u l-

politiku tal-Kunsill. L-Uffiċċju amministrattiv iddedika ħafna ħin fuq il-ħsieb tad-disinn u l-ideja tal-infiorata kienet ispirata minn edizzjonijiet passati.

L-infiorata kienet magħmula minn kwantità ta' xitel tat-tip 'petunia' b'kuluri differenti jiżviluppaw is-salib ta' Malta (eight-pointed cross). Il-kunċett ġie żviluppat wara li l-Kunsill flimkien mal-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill żewweġ l-idejat flimkien u wara li kien ġie ppreżentat id-disinn, l-Uffiċċju beda jaħdem fuq il-loġistika. Kien ippjanat li d-disinn ikun fiċ-ċentru tal-ispazju miftuħ b'mod li l-immaniġġjar tat-traffiku ma jkunx affettwat. Ittieħdu l-miżuri kollha neċessarji biex il-Kunsill jipprovdi s-saħħa u s-sigurtà fuq il-post 24/7 matul l-erbat ijiem li l-infiorata damet esibita.

Il-kuluri magħżula skont id-disinn huma speċi ta' fjuri bojod u ħomor, blu, roża vjola u l-aħdar. It-tip ta' fjura li ntagħżlet kienet il-petunia wara li l-Kunsill kien ħa l-pariri tal-esperti f'dan is-settur. Il-miżura tal-infiorata kienet circa 64 metru kwadru u x-xogħol sar kollu in-house. L-ideja kienet biex jinħoloq commnity engagement u jitwessa ċ-ċirku ta' parteċipazzjoni. Ittieħed anke l-parir dwar meta hu l-aħjar żmien biex tittella l-attività, il-kuluri tax-xitel li jintagħżlu u liema huwa l-aktar kulur b'saħħtu għal din l-ispeċi partikolari. Kien hemm ħafna ħsieb wara din l-attività kulturali.

Il-Kunsill ried ukoll li l-istallazzjoni tkun ambjentata b'mużika adatta fis-sottosfond matul l-erbat ijiem tal-attività li toħloq sinkronija u ambjent seren man-natura. Il-Kunsill ħaseb ukoll għal pjan ta' kontinġenza biex l-infiorata tinżamm fl-aqwa kundizzjoni possibbli anke permezz ta' tisqija b'mod regolari u tibdil ta' xitel fejn kien meħtieġ. Il-fornitur tal-fjura kien on stand-by biex il-prodott jibqa tal-aqwa livell matul l-erbat ijiem. Il-Kunsill ħaseb ukoll biex fl-eventwalità li jkun il-maltemp, nassiguraw li x-xitel jibqa jiġi kkurat fin-Nursery biex nipposponu sa ġimgħa wara jiġifieri bejn is-26 u d-29 ta' Mejju.

L-enerġija kollha kienet iffukata fuq din l-istallazzjoni. Kien ukoll ippjanat li fl-aħħar tal-ġurnata ta' din l-attività kulturali, issir stedina lir-residenti kollha li jirrisiedu fil-lokal biex lejn l-aħħar tal-attività kulħadd ikun jista jiġbor ftit xitel biex iżejjen bihom l-aperturi, galleriji, parapetti u ġonna fl-Iklin.

Fl-aħħarnett, il-Kunsill kien sodisfatt bl-edizzjoni ta' din is-sena fejn l-attività kulturali annwali kienet irreklamata tajjeb kemm fuq materjal stampat, materjal viżiv u wkoll permezz ta' intervisti li saru permezz tal-media u l-press.

**L-amministrazzjoni u l-operat tal-Kunsill**

L-amministrazzjoni tal-Kunsill Lokali hija komposta minn Segretarju Eżekuttiv, Asst. Prinċipal Uffiċċjal u Uffiċċjal Eżekuttiv fuq bażi Part-Time 30hrs per wk. Fil-każ tal-Asst. Prinċipal Uffiċċjal, il-Kunsill Lokali kien approva li din l-impjegata tibbenifika mill-*Family Friendly Measures* u taħdem bi *reduced hours* għal 30 siegħa fil-ġimgħa. Ħaddiem ta' ERL Ltd assenjat mall-Kunsill Lokali L-Iklin. Għandna wkoll tliet impjegati tal-Community Workers Scheme Enterprise Foundation assenjati mall-Kunsill Lokali L-Iklin.

Matul is-sena li għaddiet, l-amministrazzjoni ppruvat tidentifika n-nuqqasijiet li seta' kien hemm fl-għoti ta' servizzi u anke tindika l-livell ta' servizz li qed jingħata biex inkomplu ntejbu s-servizzi li noffru.

Il-Kunsill Lokali joffri diversi servizzi pubbliċi. L-amministrazzjoni għandha l-għan li toffri s-servizzi b'mod effiċċjenti u effikaċi.

Matul is-sena 2022, il-Kunsill Lokali irċieva (347) ilmenti li jvarjaw minn qtugħ ta' lampi fit-toroq residenzjali, ilmenti dwar il-manutenzjoni tal-ġonna, indafa pubblika, u ilmenti oħra dwar l-immaniġġjar tal-iskart. (265) tal-ilmenti ngħalqu a sodisfazzjon tal-klijenti filwaqt li l-Uffiċċju għadu

jsegwi l-pendenzi (82) bil-għan li jiġu ndirizzati u magħluqa sintendi jiddependi min-natura tal-ilment/suġġeriment.  Hemm istanzi fejn il-Kunsill Lokali jkun irid jirriferi dawn l-ilmenti lill-entitajiet oħra li jieħdu aktar żmien biex il-każijiet jiġu investigati u ittrattati.

Il-ġabra ta' informazzjoni mill-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill turi kif fis-sena 2022, il-Kunsill irċieva numru ta' ilmenti li kienu jikkonċernaw lill-entitajiet varji bħal Enemalta, WSC, Kummissarju tal-Pulizija, l-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta, Infrastructure Malta, ERA, l-Aġenzija LESA, MCA, Building and Construction Authority, service providers GO plc, Melita plc, Public Cleansing Department, CPD, Animal Welfare, u d-Dipartiment tas-Saħħa.  L-ilmenti telgħu għal (347) fejn (265) ġew solvuti a sodisfazzjon tal-klijent u baqa' (82) ilment pendenti.

Skont l-istatistika li nġabret mis-sistema tal-online permit system, il-Kunsill Lokali ħareġ (1,220) permess għal Depożitu ta' Makkinarju goff, (79) permess għal Depożitu ta' Skip Industrijali f'toroq residenzjali (9) permessi għal xogħlijiet ta' trinek, (11) permess għal depożitu ta' materjal tal-bini jew oġġetti fit-triq, u depożitu ta' containers fuq it-triq (96), twaqqif ta' posti jew kiosks (17), permess ta' tower crane (5), permessi għal divertiment okkażjonali (5).

Il-Kunsill Lokali joffri wkoll servizzi oħra bħal ħlas tal-liċenzi tal-ħwienet tan-negozju, il-ħlas tal-multi, il-kirjiet, u jservi bħala *one stop shop* dwar servizzi pubbliċi online.

**Kontijiet Bankarji**

**Bilanċi fuq id-dikjarazzjoni tal-Bank sal-31.12.2022**

| | | |
|---|---|---|
| HSBC Bank: | Kont Kurrenti: | Eur143,959.48c |
| HSBC Bank: | Kont Savings: | Eur40,397.40c |
| HSBC Bank: | Kont Fiss (1) | Eur7,360.75c |
| HSBC Bank: | Kont Savings | Eur12,844.59c |
| HSBC Bank: | Bank Guarantee | 0 balance |
| HSBC Bank: | Kont Savings: | Eur69.45c |

| | | |
|---|---|---|
| BOV plc | Kont Kurrenti: | Eur5,572.33c |
| BOV plc | Kont Kurrenti: | Eur10.36c (Ecommerce Merchant Account) |

| | | |
|---|---|---|
| Central Bank of Malta | Savings: | Eur9,882.71c |

| | |
|---|---|
| Petty Cash | Eur69.88 |

**Għeluq**

Niirringrazzja lis-Sindku Dott. Sciberras tal-appoġġ u l-impenn sħiħ tiegħu lejn din il-lokalità.  Nieħu din l-opportunità biex nirringrazzja lill-Viċi Sindku u lill-Kunsillieri kollha tal-impenn sħiħ tagħhom għaliex huwa Kunsill li jaħdem id f'id għal għan wieħed għall-komunità sħiħa tal-Iklin.

Fl-aħħarnett nixtieq nirringrazzja pubblikament lill-amministrazzjoni tar-responsabbiltà, l-integrità u l-motivazzjoni tagħhom matul is-sena kollha, lill-ħaddiema assenjati mall-Kunsill u fl-aħħarnett lir-residenti ta' din il-lokalità.

______________________

Etienne Montfort

Segretarju Eżekuttiv

30/03/2023